# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1089/2008

## tal-5 ta' Novembru 2008

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1832/2006 li jistipula miżuri tranżizzjonali fis-settur taz-zokkor minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanja, u partikolarment l-Artikolu 41 u l-Artikolu 21 tiegħu, flimkien mal-punt 4 tas-Sezzjoni 3(a) tal-Anness V tiegħu,

Billi:

(1) Is-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1832/2006 [1] tistipula dispożizzjonijiet dwar id-determinazzjoni u l-eliminazzjoni ta' kwantitajiet żejda ta' zokkor preżenti fil-Bulgarija u r-Rumanija fid-data tal-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari tistabbilixxi skadenzi għad-determinazzjoni tal-kwantitajiet żejda taz-zokkor, għall-eliminazzjoni tagħhom, kif ukoll għall-provi li għandhom jingħataw mill-operaturi identifikati u/jew mill-Bulgarija u r-Rumanija. Tiffissa wkoll perjodi ta' referenza li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-imposti fuq il-Bulgarija u r-Rumanija jekk il-kwantitajiet żejda ma jkunux eliminati.

(2) Minħabba dewmien fil-ksib tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-kwantitajiet żejda fil-Bulgarija u r-Rumanija, kif ukoll minħabba ż-żmien meħtieġ għal analiżi komprensiva ta' dik l-informazzjoni u għal diskussjoni mal-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni ma kenitx fil-qagħda li tiddetermina l-kwantitajiet żejda taz-zokkor sal-31 ta' Lulju 2007, kif stipulat fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1832/2006.

(3) Biex tkun żgurata l-applikazzjoni sewwa tas-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu II, jeħtieġ li l-iskadenzi jiġu estiżi.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1832/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1832/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 9(1), il-"31 ta' Lulju 2007" għandha tinbidel b'il-"31 ta' Diċembru 2008".

(2) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, it-"30 ta' April 2008" għandha tinbidel b'it-"30 ta' Settembru 2009";

(b) Il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) it-"30 ta' April 2008" għandha tinbidel b'it-"30 ta' Settembru 2009";

(ii) il-"31 ta' Diċembru 2008" għandha tinbidel b'il-"31 ta' Mejju 2010";

(3) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, il-"31 ta' Lulju 2008" għandha tinbidel b'il-"31 ta' Diċembru 2009";

(b) Fir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 2, it-"30 ta' April 2008" għandha tinbidel b'it-"30 ta' Settembru 2009";

(4) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, il-"31 ta' Awwissu 2008" għandha tinbidel b'il-"31 ta' Jannar 2010";

(b) Il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu it-"30 ta' April 2008" għandha tinbidel b'it-"30 ta' Settembru 2009";

(ii) fit-tieni subparagrafu il-"31 ta' Diċembru 2008" għandha tinbidel b'il-"31 ta' Mejju 2010";

(iii) fit-tielet subparagrafu, il-"31 ta' Ottubru 2008" għandha tinbidel b'il-"31 ta' Marzu 2010".

[1] ĠU L 354, 14.12.2006, p. 8.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*